Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Josric Mifsud]

vs

Felix Barbara

Kumpilazzjoni Numru: 299/2015

Illum, 12 ta' April, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Felix Barbara** detentur tal-karta tal-identita` numru 425184 M:

Akkuzat talli nhar il-14 ta' Marzu 2015, gewwa Triq ix-Xatt ta Bormla, Bormla, ghal habta ta bejn is-saghtejn u is-saghtejn u nofs ta filghodu (0200hrs u 0230hrs):

a) ingurja, jew heddet, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe' *PS1122 Arthur Rizzo* u *PC25 John Paul Young* waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

b) ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament, kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor

c) ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn *PS112 Arthur Rizzo* u *PC25 John Paul Young*, ufficjali pubbliki waqt li kienu qed

jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkel jew indahal lil imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta' dmirijietu

d) talli rrendha ruhu recediva ai termini tal-artikoli 49, u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hatti b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistax jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata sittax (16) ta' Marzu 2015 fejn inghata l-kunsens sabiex dawn il-proceduri isiru b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Semghet ix-xhieda;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat glieda bejn tliet persuni li tali glieda eskalat meta gew il-pulizija biex jintervjenu sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni.

Semghet ix-xhieda tat-tabib **Dr. Mario Abela** fejn dan ikkonferma c-certifikat li jinsab a fol. 8 tal-process u jghid illi kien ezamina lil PC 25 Jean Paul Young fil-Poliklinika ta' Rahal Gdid fl-erbatax (14) ta' Marzu 2015 u fejn dan irriskontra dbengila u nefha fuq is-sieq tal-lemin fuq in-naha ta' gewwa u fejn dan iccertifika tali griehi bhala hfief.

Semghet ukoll lil **PC25 Jean Paul Young** fejn dan jghid illi dakinhar tal-incident rcieva telefonata minn Three Cities Jewellery fejn gie nfurmat li kien hemm *alarm* li kienet giet attivata. Meta mar fuq il-post flimkien ma' PS1122 Arthur Rizzo, dawn lemhu vettura tal-marka Mercedes fejn fiha kien hemm tliet (3) persuni jargumentaw. Indunaw illi fil-vettura kien hemm l-imputat Felix Barbara fejn flimkien ma' siehbu Kevin Grima kienu qed jargumentaw ma' certu Shaun Grech. Ix-xhud jghid illi zamm lil Shaun Grech u beda jmexxieh lejn l-ghassa meta fil-frattemp beda jisma' lill-imputat jargumenta mas-Surgent u beda jghid xi diskors dispregjattiv bhal

"intom imbarazz" u "halluni kwiet". Fil-pront dan jghid illi l-imputat u Kevin Grima rnexxielhom jizgiccaw lejn id-direzzjoni tax-xhud u ta' Shaun Grech u regghu bdew jaghtu bl-idejn. Kien hawn illi l-kuntistabbli jghid illi hareg il-*pepper spray* u sprejja go nofshom. Ix-xhud jghid illi minhabba l-*pepper spray* beda jaghmel effett qabad lil Shaun Grech u hadu l-ghassa fejn hemmhekk gie mitkellem minn kollega tieghu u dan rega' mar hdejn is-surgent sabiex jghinu jikkalmaw is-sitwazzjoni izda l-imputat baqa' jkun aggressiv lejhom u hemmhekk immanettjawh u arrestawh. Il-kuntistabbli jghid illi l-imputat ma kienx f'sikktu dak il-hin tal-incident u dan ghaliex l-ghada meta rega' mar ikellmu dan l-anqas biss gharfu. Jghid ukoll illi l-ghada hass ugiegh f'sieq–u u mar il-Poliklinika ta' Rahal Gdid sabiex jaghmel certifikat mediku.

Xehed ukoll <u>PS 1122 Arthur Rizzo</u> fejn dan ikkonferma dak li kien xehed il-kollega tieghu precedentement izda qal ukoll illi meta waslu fuq il-post u raw l-argument setghu jinnutaw illi l-imputat kien agitat hafna tant illi siehbu Kevin Grima beda jitlobhom sabiex jikkalmawh u dan anke peress illi kellu riha qawwija ta' xorb. Ix-xhud jghid illi hu u l-kollega tieghu bdew jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni u meta dan mar fuq l-imputat sabiex jara x'gara dan

qal il-kliem "Hallini int, x'nghidlek lilek intom kollha mbarazz". Dan jghid illi l-imputat qallu li Shaun Grech kien qattalu l-glekk u meta s-Surgent qallu sabiex imur jaghmel stima, dan rega' nfexx jidghi u joffendihom. Jghid ukoll illi ra l-imputat inehhi l-gakketta u jwaddaba fl-art u mar jigri lejn id-direzzjoni ta' Shaun Grech u l-kuntistabbli li kienu ftit metri minnhom u regghu bdew jiggieldu. Il-kuntistabbli mbaghad qallhom li kien ser juza l-*pepper spray* izda peress li dawn ma tawx kasu dan fil-fatt uzah. Hemmhekk imbaghad arrestawhom.

Fuq kontroezami s-surgent jghid illi minn dakinhar 'il hawn l-imputat qatt ma kellu aktar problemi mal-pulizija tant li ma kienx gharfhom li kienu arrestawh u fil-fatt kien ghenhom f'xi kaz li kellhom ukoll.

Finalment xehed l-imputat **Felix Barbara** fejn dan jghid li dakinhar tal-incident kien ghadu kif inawgura l-hanut tieghu f'Bormla fejn hemmhekk kien hemm il-habib tieghu Kevin Grima. Dan jghid illi wara li ghalaq il-hanut kien ser iwassal lil siehbu d-dar u x'hin waqaf bil-karrozza sabiex icempel, dahal Shaun Grech fil-karrozza fejn dan ma riedx johrog mill-karrozza.

Dan jghid illi d-diskussjoni bdiet bejn Kevin u Shaun, imbaghad meta hargu mill-karrozza huwa beda jipprova jferraq u minn hemmhekk beda jaqlaghha fuq wiccu minghand Shaun kemm-il darba sa fl-ahhar gew fl-idejn huma wkoll. Minn hemmhekk huwa jghid illi qala' l-*pepper spray* go wiccu.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet;

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi l-aktar akkuza gravi li l-imputat huwa addebitat hija dik tal-ingurja taht l-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Illi dan l-Artikolu jghid is-segwenti:

> *"Kull min, f'kull kaz ieħor mhux imsemmi fl-aħħar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew ihedded, jew jagħmel offiza fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-*

*esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-ingurja, għat-theddid jew għall-offiza, meta jsiru mingħajr ic-cirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, mizjuda b'zewg gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux izjed minn ħamest elef euro (5,000)."*

Illi l-gurisprudenza taghna hija kostanti fid-determinazzjoni ta' dan ir-reat. Illi fis-sentenza bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija v. Amante Camilleri**</u> (deciza QAK 17/10/1997) intqal:

***"Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali . . . fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Emmanuele Cassar, deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ingurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii.***

*Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pproferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre' hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe' dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe' bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero', il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u*

*mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat."*

Illi bla dubju ta' xejn mill-verzjoni li taw iz-zewg ufficjali tal-pulizija nvoluti fl-incident, l-imputat agixxa b'mod aggressiv ghall-ahhar lejhom tant li f'xi hin minnhom anke ghajjarhom u nsulthom. Illi l-atteggjament tal-imputat dak il-hin tal-incident kien ta' totali non kuranza li l-ufficjali tal-pulizija gew sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni u biex jghinuhom u kien dan l-agir li wassal sabiex jigi sprejjat il-*pepper spray*. Il-verzjoni tal-ufficjali kienet wahda veritjiera u konsistenti fejn dan hareg li zvolgew id-dover taghhom bl-akbar diligenza u skond il-professjoni taghhom. Izda ma jistax jinghad ghall-agir tal-imputat u mill-verzjoni li ta' hu fl-istqarrija u fix-xhieda tieghu kien hemm xi nkonsistenzi u hareg car li ma riedx jghid l-atteggjament tieghu f'dik is-sitwazzjoni kien. Illi ghalhekk l-imputat ma jistax javalla ruhu mill-

ebda difiza li l-gurisprudenza taghna tistabbilixxi ghal dan it-tip ta' reat.

Illi pero' gialadarba l-imputat skuza ruhu ghal dak li gara u sahansitra minn dakinhar 'il hawn ikkomporta ruhu dejjem bir-rispett lejn dawn l-ufficjali tal-pulizija din ser tkun certament riflessa fil-piena.

Illi l-akkuzi a) u b) huma kontravenzjonijiet u jmorru mal-ewwel akkuza u jigu assorbiti fiha.

Illi a rigward l-addebitu tar-recidiva jinghad illi l-prosekuzzjoni ma esebitx is-sentenzi relattivi sabiex din l-akkuza tigi ppruvata u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' dan l-aggravju.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31(1)(f)(g), 95, 338(dd), 338(ee), issib lill-imputat **Felix Barbara** hati biss tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi stante li dawn huma assorbiti fl-ewwel akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal tliet (3) xhur prigunerija li

qeghdin jigu sospizi ghal sitt (6) xhur flimkien ma' multa ta' tmien mitt ewro (€800) filwaqt li tilliberah mir-raba' (4) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**